MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 427/2001/1

**Cit Nru: 427/01 JA.**

**KD Commercials Limited.**

**-vs-**

**Valletta Freight Services Limited u Valfraht Roro Line Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2001 li permezz tieghu is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti gew inkarigati mis-socjeta' attrici sabiex igorru

merkanzija minn Londra ghal Malta fost liema merkanzija kien hemm trakk ossia mechanical horse tal-marka ERF EC10 ARCTIC, numru ta’ registrazzjoni Ingliz L364 RDM, li kellu c-chasis numru 74822.

Illi l-konvenuti accettaw dan l-inkarigu u ttrasportaw din il-merkanzija nkluz trakk abbord il-vapur MV Moon Admiral, minn Tilbury, Londra ghal Malta, permezz tal-vjagg numru 161, li salpa fl-ghaxra (10) t’ April, tas-sena elfejn (2000).

Illi kien abbord l-imsemmi vapur dan it-trakk garrab hsaat estensivi, li ghalihom ghandhom jirrispondu l-konvenuti minhabba negligenza, traskuragni u imperizja da parti taghha jew tal-haddiema jew agenti taghhom. Dan b’ mod specjali minhabba l-mod kif giet ipparkjata u trattata l-merkanzija abbord l-istess vapur.

Illi s-socjeta’ attrici trid li tigi kkompensata ghad-danni sofferti minnha fuq l-imsemmija vettura u ghal danni ohra li sofriet u qed issofri minhabba dan l-incident.

Illi minkejja diversi intepellazzjonijiet is-socjetajiet konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fuq it-trakk ossia mechanical horse tal-marka ERF EC10 ARCTIC, numru ta’ registrazzjoni Ingliz L364 RDM, li kellu c-chasis numru 74822, li sehhew abbord il-vapur MV Moon Admiral, minn Tilbury, Londra ghal Malta, permezz tal-vjagg numru 161, li salpa fl-ghaxra (10) t’ April, tas-sena elfejn (2000) u ghal danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba dan l-incident.

2. Tillikwida dawn id-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici.

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha tal-VAT, inkluzi dawk ta' l-ittra intrpellatorja tad-29 ta' Dicembur, 2000 u ta' l-ittra ufficjali spedita fi Frar 2001. Is-socjetajiet konvenuti jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Tony Borg fis-16 ta' Marzu, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited pprezentata fil-25 t' April, 2001 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, hija ghal kollox estranea ghall-kaz u ghandha tigi liberata minnufieh mill-osservanza tal-gudizzju peress li t-transazzjoni in kwistjoni ma kienitx tirrigwarda lilha imma biss lis-socjeta' l-ohra konvenuta.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici ghax il-hsara li grat, ma gratx tort taghha imma tad-driver tal-Port of Tilbury London Limited, socjeta' estera li mhux prezenti f' Malta, waqt li dan kien qed isuq vettura ohra fil-garage tal-vapur u ghalhekk la l-vapur, la is-sidien tieghu u lanqas ic-charters tieghu mhuma responsabbli ghad-danni lamentati.

3. Illi f' kull kaz, billi l-garr sar taht "free in and out terms", anki kieku l-hsara kienet imputabbli ghall xi membru tal-ekwipagg tal-vapur jew tal-agenti tieghu, mhux responsabbli ghal dawn is-socjeta' eccipjenti, imma se mai ikun responsabbli biss il-vapur u l-armaturi tieghu u dana in forza tal-klawsola 26 tal-Agency Clause.

4. Illi f’ kull kaz il-limiti ta-responsabbilita’ huma regolati mill-Bill of Lading u mill-Clause 1, Clause Paramount, tal-Hague Rules li jiddisponi li hemm limitu ta’ Lm100 ghall-kull koll jew unit.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn David Jones fil-25 t’ April, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Valfrach Roro Line Limited, ipprezentata fil-25 t’ April, 2001 li permezz taghha eccepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, hija giet citata hazin ghax isimha mhux Valfrach Roro Line Limited Malta imma Valfrach Roro Line Limited u ghalhekk ghnadha tigi liberata minnufieh mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta’ attrici ghax il-hsara li grat, ma gratx tort taghha imma tad-driver tal-Port of Tilbury London Limited, socjeta’ estera li mhux prezenti f’ Malta, waqt li dan kien qed isuq vettura ohra fil-garage tal-vapur u ghalhekk la l-vapur, la is-sidien tieghu u lanqas ic-charters tieghu mhuma responsabbli ghad-danni lamentati.

3. Illi f’ kull kaz, billi l-garr sar taht “free in and out terms”, anki kieku l-hsara kienet imputabbli ghall xi membru tal-ekwipagg tal-vapur jew tal-agenti tieghu, mhux responsabbli ghal dawn is-socjeta’ eccipjenti, imma se mai ikun responsabbli biss il-vapur u l-armaturi tieghu u dana in forza tal-klawsola 26 tal-Agency Clause.

4. Illi f’ kull kaz il-limiti ta-responsabbilita’ huma regolati mill-Bill of Lading u mill-Clause 1, Clause Paramount, tal-Hague Rules li jiddisponi li hemm limitu ta’ Lm100 ghall-kull koll jew unit.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn David Jones fil-25 t’ April, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezjoni tal-konvenuti Valfracht Roro Line Limited ossija l-eccezzjoni tad-deserzjoni tal-kawza a tenur tal-artiklu 963 tal-Kap. 12. Is-socjeta konvenuta imsemmija qed tghid li ghaddew iktar minn sitt xhur mid-data tal-presentata tal-kawza sad-data meta gew notifikati bic-citazzjoni (ghaliex kellha tigi korretta).

Il-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur hu car u ma jistax ikun hemm kontestazzjoni ghaliex dan jirrizulta mill-atti. Il-Qrati taghna fil-passat recenti kellhom diversi okkazzjonijiet biex jesprimu ruhom u jiddecidu dwar dan il-punt u kwindi hu relattivament facli ghal din il-Qorti li tasal ghall konkluzjonijiet taghha.

Kawza deciza fil-31 ta’ Jannar 2003 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet “Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli et” ghandha titqies fil-fehma tal-Qorti bhala *leading case,* fil-materja. Il-Qorti tal-Appell f’ din is-sentenza tat rendikont tal-mens legis tal-istitut tad-deserzjoni u anke l-istorja ta’ kif il-Qrati interpretaw l-artikli rilevanti.

Kif gia inghad is-socjeta’ eccipjenti giet notifikata ic-citazzjoni kif giet korretta iktar minn sitt xhur wara li giet presentata ic-

citazzjoni u l-artiklu in kwistjoni 963 (1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti tal-ewwel grad fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur. Il-punt in kwistjoni huwa allura meta kellhu jities dan it-terminu perentorju impost mill-ligi u x' ghandhu jigi konsidrat mill-Qorti fl-applikazzjoni ta' dan it-terminu.

Is-sentenza imsemmija tghid illi

*Minkejja dak li tghid il-ligi tal-procedura u tenut kont ta' kif zviluppat dik il-parti tal-proceduri rigwardanti x-xorta ta' att li bihom setghu jinbdew azzonijiet u kawzi gudizzjarji jigifieri b' mod inqas formalistiku u izjed sommarju, il-Qrati taghna hassew li fic-cirkostanzi ghandhom jaghtu interpreatazjoniaktar wiesa izda gusta ta' dan is-subartikolu (2) tal-Art. 963 tal-Kap 12 u dan biex ma tinholoqx xi forma gdida ta' ingustizzja fejn certament ma hemmx lokha.*

Il-Qorti tal-Appell qablet mat-tezi tal-appellanti f' dik il-kawza (l-atturi) u cioe illi billi l-legislatur ma iddistingwix bejn il-kawzi li marru sine die ghaliex ma nghalqux bil—miktub fiz-zmien stipulat u dawk differiti sine die b' digriet tal-Qorti – u ghalhekk biex kawza tmur deserta ai termini tal-Artiklu 965 tal-Kap 12 trid tkun giet ippublikata bhala tali (cioe differita sine die).

Il-Qorti tal-Appell fl-istess jum tat sentenza ohra fl-ismijiet "Id-direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Limited" fejn qalet hekk:

*Ghalhekk l-espressjoni "ghandha titqies" fl-artiklu 963 (5) (a) ma tistax tinghata intepretazzjoni iktar wiesa minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem qorti tal-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghlqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) tal-Artiklu 963 bhala x' hiex ghandha titqies? Ir-risposta hija cara; ghandha titqies bhala (i)*

*Kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista tal-kawzi u (ii) bhala kawza li tkun b' ordni tal-Qorti, thalliet sine die. .... Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita' tal-lista imsemmija fis-subartikolu (1), (2) u (3) tal-artilu 964 qabel ikun hemm is-sanzjoni tad-deserzjoni.*

Il-Qorti allura ikkonkludiet illi;

*Peress li f' din il-kawza ... ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega ... ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta.*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-konkluzjonijiet u thoss li din l-interpretazzjoni, apparti l-korrettezza legali taghha twassal ukoll ghal decizjoni gusta.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tad-deserzjoni tas-socjeta eccipenti u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.**

**Spejjes riservati ghall gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------